# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 11**

**Rikors numru 79/2020/1 GM**

**Maria Gialanze` u b'digriet tal-Qorti tal-24 ta' Ġunju, 2021, Erika Gialanze` assumiet l-atti flok Maria Gialanze`, stante donazzjoni**

**v.**

**Carmen u Georgette Mizzi; L-Avukat tal-Istat; L-Awtorita` tad-Djar**

1. Fiż-żmien meta ġiet intavolata din il-kawża Maria Gialanze` kienet il-proprjetarja ta' appartament li jinsab il-Gżira, liema appartament kien ġie rekwiżizzjonat f'Awwissu 1973 flimkien mal-appartamenti kollha tal-istess blokka u mogħti lill-konvenuti Mizzi versu l-kera annwali li llum-il ġurnata hija fl-ammont ta' €238.64. Dan l-appartament kien ġie derekwiżizzjonat fis-27 ta' Awwissu 2003 u llum għadu okkupat mill-konvenuti Mizzi taħt titolu ta' kera. L-attriċi lmentat li l-kera pagabbli mill-inkwilini ma tirriflettix il-valur tal-fond fuq is-suq liberu u li għalhekk qed

iġorr piż sproporzjonat minħabba din il-miżura, li skont hi jwassal għal leżjoni tad-drittijiet tagħha hekk kif sanċiti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewoprea.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "(i) Tiddikjara li bil-fatti hawn esposti ġew u għadhom qegħdin jiġu vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għall-proprjeta`` tagħha kif protetti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u kif ukoll mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament, u konsegwentement.
>
> (ii) Tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi nkluż jekk ikun hemm il-ħtieġa li jiġu dikjarati nulli jew inapplikabbli fil-każ in eżami l-effetti kollha tal-ordni ta' rekwiżizzjoni, li tiddikjara r-rilaxx tal-fond surreferit u tordna l-iżgumbrament tal-intimati Mizzi mill-appartament inkwistjoni u/jew billi tillikwida dak il-kumpens jew 'just satisfaction' dovut lill-esponenti dan b'riżerva għal-likwidazzjoni fl-istadju opportun tad-danni sofferti minnhom bħala konsegwenza tal-fatti kollha surreferit jekk ikun il-każ u tagħti kull ordni u rimedju ieħor xieraq jew opportun biex tiġi spurġata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom hawn lamentata."

3. L-Awtorita` tad-Djar eċċepiet, *inter alia,* li l-attriċi għandha turi li l-konvenuti Mizzi verament igawdu minn kirja li tiġġedded skont il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-attriċi ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji disponibbli lilha, li l-attriċi kienet taf li l-proprjeta` mertu ta' din il-kawża kienet ġiet rekwiżizzjonata meta kienet xtratha, li sakemm il-fond in kwistjoni ma kienx proprjeta` tal-attriċi ma jistax jingħad li hija sofriet xi ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha, li l-attriċi għandha tressaq prova tat-titolu tagħha, li l-Istat għandu l-jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jħoss li huma neċessarji biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta` fl-interess ġenerali, li l-Kapitolu 16 u 69 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom għan leġittimu fl-

interess ġenerali għaliex huma maħsuba sabiex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar ta’ abitazzjoni tagħhom u jżommu bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u tal-poplu in ġenerali, li l-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni mhijiex per se leżiva tad-drittijiet fondamentali tal-attriċi basta l-kumpens ikun proporzjonat, li hija m’għandhiex x’taqsam mal-ammont ta’ kera li llum-il ġurnata jitħallas mill-inkwilini, li l-fond in kwistjoni kien ġie derekwiżizzjonat fis-27 ta’ Mejju 2003 u li llum-il ġurnata nħoloq kuntratt ta’ kera bejn l-attriċi u l-inkwilini u għalhekk il-vertenza odjerna hija waħda ċivili bejn il-partijiet kontraenti li fiha l-Awtorita` tad-Djar m’għandhiex *locus standi.*

4. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f’dawn il-proċeduri, li l-attriċi għandha ġġib prova tat-titolu tagħha, li l-Artikolu 37 mhuwiex applikabbli, li l-ħruġ tal-ordni ta’ rekwiżizzjoni u l-allokazzjoni tal-fond lill-inkwilini sar skont il-liġi u ma jivvjolax id-drittijiet fondamentali tal-attriċi, li l-ordni ta’ rekwiżizzjoni jikkostitwixxi miżura ta’ kontroll ta’ użu ta’ proprjeta` fl-interess pubbliku, li l-Istat għandu l-jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu li huma xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta` skont l-interess ġenerali, li l-attriċi qatt ma kkontestat l-ammont tal-kera li kienet tirċievi, li l-kumpens xieraq m'għandux ikun il-valur kummerċjali tal-fond, u li l-Istat m’għandu l-ebda setgħa oħra fuq il-fond in kwistjoni ġaladarba nħarġet ordni ta’ derekwizizzjoni.

5. L-intimati Carmen u Georgette Mizzi eċċepew, *inter alia,* li huma qed igawdu l-fond in kwistjoni b'titolu validu ta' kera, li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli, li huma qed igawdu d-drittijiet tagħhom fuq il-proprjeta` in kwistjoni skont il-liġi u għalhekk mhux qed jippreġudikaw id-drittijiet ta' ħadd, li l-kera pagabbli m'hemmx bżonn tkun ugwali għal dik perċepibbli fuq is-suq liberu, li m'għandhomx jiġu żgumbrati mill-fond in kwistjoni għaliex m'għandhomx il-mezzi suffiċjenti sabiex isibu akkomodazzjoni alternattiva xierqa u li l-attriċi kienet konxja tal-protezzjoni li jgawdu l-inkwilini meta akkwistat din il-proprjeta`.

6. Fl-24 ta' Ġunju 2021 l-Ewwel Qorti laqgħet talba magħmula minn Maria Gialanze` sabiex l-atti tal-kawża jiġu assunti minn bintha Erika Gialanze` wara li l-fond mertu ta' dawn il-proċeduri ġie trasferit minn Maria Gialanze` lil Erika Gialanze` permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 4 ta' Ġunju 2021.

7. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-2 ta' Diċembru 2021 ġie deċiz hekk:

> "Għal dawn il-motivi, l-Qorti:
> (1) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li mhux leġittimu kontradittur.
> (2) Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.
> Spejjeż a kariku tagħha."

8. Maria Gialanze` u Erika Gialanze` preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-21 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti

sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara li s-sentenza appellata hija nulla u tirrimetti l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi l-kawża, jew tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tilqa' t-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż kontra l-appellati jew min minnhom.

9. L-Awtorita` tad-Djar ippreżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-3 ta' Jannar 2022 u ssottomettiet li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

10. Il-konvenuti Mizzi preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fl-4 ta' Jannar 2022 permezz ta' liema sottomettew li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

**In-nullita` tas-sentenza appellata**

11. L-appellati ressqu tlett aggravji li jirrigwardaw l-allegata nullita tas-sentenza appellata. Fl-ewwel aggravju jsostnu li s-sentenza appellata hija nulla peress li ngħatat fl-ismijiet Maria Gialanze` v. Carmen u Georgette Mizzi, L-Avukat tal-Istat u l-Awtorita` tad-Djar, mentri qabel ma ngħatat is-sentenza l-Ewwel Qorti kienet laqgħet talba sabiex l-atti jiġu

assunti minn Erika Gialanze`. Jgħidu li għalhekk is-sentenza appellata ngħatat fil-konfront ta' Maria Gialanze` daqslikieku Erika Gialanze` ma tifformax parti minn dawn il-proċeduri, u li skont il-ġurisprudenza dan ifisser li s-sentenza appellata hija nulla peress li naqset milli tindika l-partijiet kollha fil-kawża.

12. Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li hemm kunflitt ċar bejn id-digriet datat 24 ta' Ġunju 2021 u s-sentenza appellata. Jargumenta li s-sentenza appellata tikkontradiċi dak li jingħad fid-digriet imsemmi fejn l-Ewwel Qorti awtorizzat lil Erika Gialanze` sabiex tassumi l-atti tal-kawża in kwantu hija kienet saret is-sid tal-proprjeta` in kwistjoni. Skont l-appellanti dan ifisser li l-Ewwel Qorti kienet tikkondividi l-opinjoni tagħhom li Erika Gialanze` kellha l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tkompli l-kawża odjerna f'isimha, għaliex li kieku ma kienx hekk it-talba għall-assunzjoni tal-att messha kellha tiġi miċħuda. Jgħidu li pero` s-sentenza appellata ħadet pożizzjoni dijametrikament opposta għal dak deċiż fid-digriet tal-24 ta' Ġunju 2021, u li għalkemm digriet ma jikkostitwix ġudikat l-Ewwel Qorti ma setgħetx tinjora dak deċiż minnha stess.

13. Fit-tielet aggravju tagħhom l-appellanti jargumentaw li s-sentenza appellata hija nulla għaliex hija *extra petita.* Jgħidu li mhuwiex konċess li parti f'kawża tiġi sorpriża fl-aħħar tal-proċedura billi tiġi sollevata kwistjoni mhux dibattuta bejn il-partijiet u li ma tkunx ġiet sollevata permezz ta' talba jew eċċezzjoni. Jargumentaw li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti marret

*extra petita* meta ddeċidiet li għandha tiċħad it-talbiet attriċi għaliex skont hi Maria Gialanze` ma setgħetx titrasferixxi d-drittijiet tagħha lil bintha Erika Gialanze`. Jgħidu li din il-kwistjoni ma ġiet sollevata minn ħadd mill-intimati fir-risposti tagħhom għar-rikors promotur, u li għalkemm l-Awtorita` tad-Djar qajmet dan il-punt fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, pero` fin-nuqqas ta' eċċezzjoni *ad hoc* din il-kwistjoni kellha titqies sorvolata stante d-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fl-24 ta' Ġunju 2021. Jgħidu li dan l-iżball lampanti jirriżulta mid-deċide fejn ġew miċħuda t-talbiet kollha attriċi mingħajr ma ġiet milqugħa l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet sollevata mill-intimati.

14. L-Awtorita` tad-Djar tirribatti li s-sentenza ngħatat fil-konfront kemm ta' Maria Gialanze` u kemm ta' Erika Gialanze` u li huwa biss fil-kopja elettronika tas-sentenza li ġie ndikat mod ieħor. Tgħid li fi kwalunkwe każ, jekk din il-Qorti tilqa' dan l-aggravju dan ma jkunx ifisser li l-appellanti jirbħu l-kawża, iżda biss li din il-Qorti jew l-Ewwel Qorti jkollhom jikkoreġu l-allegat żball. Fir-rigward tat-tieni aggravju targumenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex alternattiva ħlief li tilqa' t-talba għall-assunzjoni tal-atti, iżda dan ma jfissirx li għalhekk ġew marbuta jdejn il-Qorti dwar kif kellha tiddeċiedi l-kawża. Tgħid li mhux kull min għandu nteress ġuridiku għandu raġun dwar it-talbiet, għaliex kieku kien hekk l-attur ma jista' qatt jitlef il-kawża. Dwar it-tielet aggravju tirrispondi li hija kienet qajmet il-kwistjoni li dritt fondamentali ma jistax jiġi trasferit fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, u li fi kwalunkwe każ din il-kwistjoni kienet

koperta mill-eċċezzjoni numru sitta mogħtija minnha sa minn qabel ma sar it-trasferiment.

15. Il-konvenuti Mizzi jirribattu b'referenza għall-ewwel aggravju li s-sentenza appellata ma tħalli l-ebda dubju li ngħatat kemm fil-konfront ta' Maria Gialanze` u kif ukoll fil-konfront ta' Erika Gialanze` tant li ssir referenza u spjegazzjoni tal-pożizzjoni legali taż-żewġ atturi. Isostni li din il-Qorti għandha l-poter li tikkoreġi l-iżball jekk jirriżulta li hemm żball fl-okkju fis-sentenza appellata u jekk hemm bżonn din il-Qorti tista' wkoll tibgħat l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex issir ir-ratifika neċessarja. Fir-rigward tat-tieni aggravju jargumentaw illi m'hemm l-ebda kunflitt bejn id-digriet tal-24 ta' Ġunju 2021 u s-sentenza appellata għaliex il-Qorti kkunsidrat li d-dritt ta' kumpens huwa tal-persuna, u ċioe` ta' min għandu interess ġuridiku. Fir-rigward tat-tielet aggravju jargumentaw li f'kawżi kostituzzjonali l-Qorti għandha dritt li tipprovdi rimedji anke jekk mhux rikjesti mill-attur u għalhekk għandha dritt li tiddeċiedi *ultra petitia* a kuntrarju tan-norma applikabbli f'kawżi ċivili.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

16. Il-mertu tal-ewwel aggravju tal-appellanti, li jitratta l-iżball fl-okkju tas-sentenza appellata jinsab eżawrit bis-saħħa tad-digriet ta' din il-Qorti

tat-30 ta' Marzu 2022. Għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

17. Dwar it-tieni aggravju, il-Qorti tibda billi tosserva li apparti li digrieti ma jagħmlux ġudikat, digriet interlokutorju m'għandux l-effett li jiddetermina l-mertu tal-kawża fl-atti ta' liema jkun ingħata. Il-fatt li Erika Gialanze` tħalliet tassumi l-atti tal-kawża ma kien bl-ebda mod jorbot lill-Ewwel Qorti sabiex imbagħad issib favur tagħha fid-deċiżjoni fil-mertu. Huwa ġuridikament inkonċepibbli l-argument li jekk Erika Gialanze` għandha l-interess ġuridiku rikjest biex tkun parti mill-kawża allura għandha wkoll raġun fil-mertu kif donnhom jippretendu l-appellanti. Għalhekk l-argument tal-appellanti li hemm xi kunflitt bejn id-digriet tal-24 ta' Ġunju 2021 u s-sentenza dwar il-mertu huwa manifestament żbaljat fid-dritt.

18. Fir-rigward imbagħad tat-tielet aggravju, il-Qorti tosserva li l-appellanti huma żbaljati meta jgħidu li l-Ewwel Qorti ddeċidiet a bażi ta' eċċezzjonijiet mhux imqajma mill-konvenuti. L-Awtorita` tad-Djar eċċepiet li l-attriċi ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji disponibbli lilha, li l-ksur ta' dritt fondamentali huwa personali għal min ikun qed jissubixxi tali ksur u li għalhekk sakemm il-proprjeta` mertu tal-kawża ma kinitx tal-attriċi ma seta' kien hemm l-ebda leżjoni fil-konfront tagħha, u li m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-Awtorita`

tad-Djar ampjament ikopru l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti b'mod li ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti daħlet f'xi kwistjoni li ma kinitx tqajmet mill-partijiet. Fi kwalunkwe każ, *jura novit curia* u għalhekk ġaladarba kull konvenut ta eċċezzjoni fis-sens li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali, l-Ewwel Qorti kienet fid-dover li tiddetermina jekk verament kienx hemm il-leżjoni ilmentata u meta din bdiet, u dan mhux neċessarjament għall-istess raġunijiet dedotti mill-konvenuti.

19. Għaldaqstant din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel aggravju tal-appellanti, filwaqt li tiċħad it-tieni u t-tielet aggravji tagħhom.

**Ir-Raba' Aggravju**

20. Permezz ta' dan l-aggravju tagħhom l-appellanti jargumentaw li l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi jekk il-kawża odjerna setgħetx titkompla minn Erika Gialanze` wara d-donazzjoni tal-proprjeta` li seħħet fil-mori tal-kawża. Jgħidu li anke skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea jeżistu ċirkostanzi fejn, minkejja trasferimenti *inter vivos* jew *causa mortis,* il-kawża tkun tista' titkompla mill-avventi *causa* b'mod partikolari fejn il-kawża tkun diġa` nfetħet għaliex wara li l-kawża tinfetaħ ikun hemm iktar flessibilita`. Jargumentaw li in vista tal-eċċezzjoni dwar it-titolu fuq il-proprjeta`, kien jinkombi fuq l-attriċi li tipprova l-*victim status* tagħha u dan billi tipprova t-titolu tagħha fuq il-proprjeta` mertu ta' din l-azzjoni u kien

għalhekk li l-atti kellhom jiġu assunti minn Erika Gialanze`. Jgħidu li kwalunkwe rimedju li seta' jingħata f'dawn il-proċeduri għall-futur fir-rigward tal-leżjoni kellu tabilfors jingħata lil Erika Gialanze` bħala s-sid tal-proprjeta`. Jgħidu li għalhekk Erika Gialanze` kellha kull dritt li tassumi l-atti tal-kawża għaliex wara d-donazzjoni hija akkwistat mhux biss it-titolu fuq il-proprjeta` iżda wkoll il-*victim status* li kellha ommha. Iżidu li Erika Gialanze` qed issofri leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha stante l-okkupazzjoni kontinwata tal-proprjeta` mill-konvenuti Mizzi, anke wara d-donazzjoni tal-proprjeta` lilha.

21. L-Awtorita` appellata tirribatti li għal-leżjoni ta' dritt fundamentali tista' taġixxi biss il-persuna li sofriet dik il-leżjoni. Tgħid li tant kellha raġun l-Ewwel Qorti li issa li l-atturi ndunaw bl-iżball li għamlu qed jitolbu li Maria Gialanze` titħalla terġa tassumi l-atti. Jgħidu li d-drittijiet fondamentali huma personali tal-individwu u għalhekk mhuwiex permess li jiġu trasferiti.

22. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-Awtorita` tad-Djar sostniet li d-drittijiet umani la jistgħu jiġu ttrasferiti causa mortis u wisq inqas inter vivos. In sostenn ta' din l-asserzjoni tagħhom, iċċitaw żewġ sentenzi ta' din il-Qorti; waħda kif issa ppreseduta u l-oħra ppreseduta minn imħallef ieħor, li f'kawża kostituzzjonali ma tawx kumpens għal telfien ta' tgawdija ta' proprjeta`` qabel ma din intirtet mill-ilmentaturi. Isostnu li jekk id-drittijiet umani ma jistgħux jiġu ttrasferiti causa mortis, wisq inqas jistgħu jiġu ttrasferiti permezz ta' donazzjoni.

> Il-Qorti mhix sejra tidħol fil-kwistjoni ta' suċċessibilita` kawża mortis o meno ta' jeddijiet umani għaliex din ma tiffurmax parti mill-kweżit dwar it-trasferibilita` o meno tagħhom permezz ta' donazzjoni. Biżżejjed jingħad għall-fini ta' din il-kawża li d-drittijiet umani huma kkunsidrati inerenti għall-persuna umana. Min-natura tagħhom huma marbutin mal-persuna tal-vittma. Huma drittijiet personali, u mhux drittijiet in rem. Anke fil-każ li ditt fundamentali jikkonsisti fil-vjolazzjoni tat-tgawdija tal-proprjeta``, u l-vittma tkun intitolata għal kumpens, dak il-kumpens huwa marbut mal-persuna tal-vittma u mhux mal-proprjeta`. Jekk il-proprjeta`` tiġi ttrasferita lil terza persuna, kemm b'titlu gratuwitu kif ukoll b'titlu oneruż, id-dritt tal-kumpens ma jistax jiġi ttrasferit flimkien mal-proprjeta`. Għalhekk id-drittijiet li jista' jkollha Maria Gialanze bħala titolari tal-fond de quo ma ġewx trasferiti favur bintha permezz tal-att tad-donazzjoni. Dan minkejja li l-fond de quo ġie ttrasferit "with all its litigious rights and obligations".
>
> B'danakollu Erika Gialanze` għandha dritt tallega li status ta' vittma mid-data tal-akkwist 'il quddiem, in kwantu hija sid ta' post mikri lill-intimati b'kera kkontrollat mil-liġi. Għalhekk huma applikabbli l-liġijiet tal-kera viġenti fid-data tal-akkwist u ċjoe` l-4 ta' Ġunju 2021; partikolarment bl-emendi li daħlu permezz tal-Att XXVII tal-2018 u tal-Att XXIV tat-2021 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021. Ġja` l-Att XXVII.2018 ġie ddikjarat konformi mal-Kostituzzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali in re: Gerald Camilleri v l-Avukat Generali deċiża fis-6 t'Ottubru 2020. Sussegwentement l-Att XXIV.2021 kompla tejjeb is-sitwazzjoni tas-sid. Illi għalhekk Erica Gialanze ma tistax tilmenta li qiegħdha tiġi mċaħħda mit-tgawdija tal-fond de quo."

## ***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

23. Il-Qorti tibda billi tosserva li ma jidhirx li l-appellanti fehmu sewwasew il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti. L-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi dwar jekk il-kawża odjerna setgħatx titkompla minn Erika Gialanze` wara d-donazzjoni li saret fil-mori tal-kawża, u li hija Erika Gialanze` li ser tkun qed isofri ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha bl-applikazzjoni tal-liġijiet viġenti issa li saret is-sid tal-proprjeta`. Jirriżulta pero li l-Ewwel Qorti filfatt eżaminat jekk l-ilment

ta' Maria Gialanze` jistax jitkompla minn Erika Gialanze` u ddeterminat li dan mhuwiex il-każ għaliex id-dritt għal rimedju wara ksur ta' drittijiet fondamentali ma jistax jiġi trasferit kif pruvaw jagħmlu l-appellanti meta Maria Gialanze` trasferiet espressament id-drittijiet litiġjużi tagħha fuq il-proprjeta` lil Erika Gialanze`. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti u tqis li m'hemm l-ebda raġuni sabiex tibdilha. Dan mhuwiex każ fejn Erika Gialanze` saret il-proprjeta` tal-fond in kwistjoni bħala l-eredi universali ta' Maria Gialanze` u għalhekk kienet daħlet fiż-żarbun legali ta' ommha. F'dan il-każ il-proprjeta` in kwistjoni għaddiet f'idejn Erika Gialanze` permezz ta' trasferiment *inter vivos* b'titolu ta' donazzjoni, u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha raġun tikkonkludi li Erika Gialanze` mhijiex intitolata għal rimedju għaż-żmien meta s-sid tal-proprjeta` kienet Maria Gialanze`. Ksur ta' drittijiet fondamentali jagħti dritt litiġjuż lill-vittma biss, ħlief għal xi eċċezzjonijiet parikolari, u ma jistax jiġi trasferit inter vivos. Lanqas ma huwa l-każ fejn hemm raġuni valida biex Erika Gialanze` tingħata rimedju għaż-żmien meta Maria Gialanze` kienet is-sid tal-proprjeta` għaliex dawn il-proċeduri kienu diga inbdew meta saret id-donazzjoni. Ġaladarba ma tirriżulta l-ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn il-proċeduri ma komplithomx Maria Gialanze` stess, senjatament billi la ġiet nieqsa u lanqas ma tilfet il-kapaċita li tamministra ħwejjiġha u tittutela d-drittijiet tagħha, m'hemmx raġuni valida għalfejn għandu jitqies possibbli li Erika Gialanze` tikseb rimedju għaż-żmien meta kienet Maria Gialanze` s-sid tal-proprjeta` in kwistjoni.

24. Fl-argumentazzjoni tal-appellanti għal dak li jikkonċerna l-pożizzjoni legali ta' Erika Gialanze` għaż-żmien wara li saret is-sid tal-proprjeta` in kwistjoni mbagħad, l-appellanti qed jinjoraw għal kollox il-fatt li l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li l-liġi li tirregola r-relazzjoni bejn Erika Gialanze` u l-konvenuti Mizzi ġiet emendata permezz tal-Att XXIV tal-2021. L-appellanti ma mpunjawx il-validita` tal-liġi l-ġdida, u għalhekk ma setax jingħata xi rimedju li jolqot ir-relazzjoni ġuridika ta' bejn Erika Gialanze` u l-konvenuti Mizzi, li llum-il ġurnata hija rregolata minn dispożizzjonijiet legali differenti minn dawk li dwarhom sar l-ilment. In vista tad-data tad-donazzjoni r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet imsemmija kienet sa mill-bidu tagħha rregolata bil-liġi l-ġdida u peress li Erika Gialanze` la wżat ir-rimedju ordinarju li llum-il ġurnata huwa disponibbli għaliha, u lanqas talbet korrezzjoni fir-rikors promotur sabiex id-determinazzjoni li trid issir f'dawn il-proċeduri tiġi estiża għall-emendi li saru fl-2021, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet it-talbiet attriċi.

25. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud, u in vista ta' dan jirriżulta li m'hemmx lok li jiġi eżaminat il-bqija tal-appell tal-appellanti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel aggravju tal-appellanti stante li l-mertu

tiegħu jinsab eżawrit, tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr